**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 70**

L-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Stephen Spiteri kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 69 li saret fit-12 ta' Diċembru 2022 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3932 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 1052 | Informazzjoni dwar is-suġġetti li ġew diskussi fil-laqgħat tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) bejn l-2013 u l-2022, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4570; |

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1053 Korrispondenza indirizzata lid-Direttur, Servizzi Koporattivi tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija tal-Informazzjoni mibgħuta mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, bl-isem Smart Island Campaign bir-referenza MF 100/06/03 datata 23 ta' Jannar 2008 u kopja ta' reklam kif deher fil-gazzetti, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4853;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1054 Lista ta' toroq u n-numru ta' każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi fil-Mellieħa, fin-Naxxar u f'San Pawl il-Baħar, maqsuma skont ix-xahar, fil-perjodu bejn Mejju 2021 u Ottubru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4811; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1055 Management Accounts ta' Satabank plc datati 30 ta' Ġunju 2022; u

P.L. 1056 Rapport minn Equis Assurance Limited bħala l-persuna kompetenti appuntata fir-rigward ta' Satabank, li jkopri t-12-il xahar mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022, magħmul skont l-artikolu 29(1)(h) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371).

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Glenn Bedingfield, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, ippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 1 sa Nru 6 tal-istess Kumitat li nżammu bejn it-13 ta' Ġunju u t-30 ta' Novembru 2022.

L-Onor. Rosianne Cutajar, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, ippreżentat il-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 1 sa Nru 8 tal-istess Kumitat li nżammu bejn il-15 ta' Ġunju u s-26 ta' Ottubru 2022.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI TAL-KUMMERĊ – ABBOZZ NRU 11**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13" inqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI TA' QABEL L-INSOLVENZA – ABBOZZ NRU 12**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għat-traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva (UE) 2019/1023, isaħħaħ il-qafas leġislattiv dwar l-insolvenza u jipprovdi għal affarijiet relatati u konnessi mal-insolvenza" inqara t-tielet darba u għadda.

## 3. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-PRATTIKANTI FL-INSOLVENZA – ABBOZZ NRU 13

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza.

L-Onor. Glenn Bedingfield issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023, u jirregola l-prattikant fl-insolvenza u jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew inċidentali jew konnessi ma' dan" inqara t-tielet darba u għadda.

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra għaddiet għal items 19 u 20 tal-aġenda.

## 19. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IT-TIĠDID TA' KIRI TA' RABA' – ABBOZZ NRU 15

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Toni Bezzina għamel dikjarazzjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom l-Oppożizzjoni kienet ser tivvota kontra dan l-abbozz.

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199" inqara t-tielet darba u għadda.

## 20. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP – ABBOZZ NRU 29

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552" inqara t-tielet darba u għadda.

## 4. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI – ABBOZZ NRU 2

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camileri, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Byron Camilleri għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420" inqara t-tieni darba.

Skont il-ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Michael Farrugia, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1 u t-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fil-5.30 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati, irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420".

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-tielet darba u għadda.

## 5. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI – ABBOZZ NRU 25

Il-Kamra rriżumiet mis-6 ta' Diċembru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Andy Ellul għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Ivan Castillo għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452" inqara t-tieni darba.

Skont il-ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. Michael Farrugia, Viċi President tal-Kumitati, ippreseda.

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5 u 6** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1 u t-TITOLU** għaddew nem. con. u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Fis-6.02 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitati, irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, f'isem il-Prim Ministru ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452".

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-tielet darba u għadda.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Carmelo Abela, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja, ippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 1 sa Nru 6 tal-istess Kumitat li nżammu bejn l-24 ta' Mejju u s-17 ta' Ottunru 2022.

Fis-6.04 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2022 fis-1.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

Estimi Ġenerali 2023 –

| | |
|---|---|
| - Kumitat ta' Provvista - Emendi u riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru | Votazzjonijiet |
| - Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022 | Stadji kollha |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | L-Ewwel Qari (Votazzjoni) |

| | |
|---|---|
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 243 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma u l-Avviż Legali 244 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) | Votazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Votazzjoni) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Kumitat Permanenti |

Skont ftehim milħuq, fis-Seduta tat-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2022 mhux ser ikun hemm ħin tal-mistoqsijiet.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Jo Etienne Abela u mill-Onor. Carmelo Abela.

Fis-6.35 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2022 fis-1.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**